Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►**B** **IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 933/2002**

tal-31 ta' Mejju 2002

li jiftaħ u li jipprovdi għall-amministrazzjoni ta' kwoti ta' tariffi għal ċerti prodotti agrikoli li joriġinaw mill-Isvizzera, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 851/95

(ĠU L 144, 1.6.2002, p. 22)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►**M1**	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1630/2006 tal-31 ta' Ottubru 2006	L 327M	752	17.3.2009

Ikkoreġut minn:

►**C1** Emendi, Ġ.U. L 71M, 17.3.2009, p. 475 (1630/2006)

▼B

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 933/2002

tal-31 ta' Mejju 2002

li jiftaħ u li jipprovdi għall-amministrazzjoni ta' kwoti ta' tariffi għal ċerti prodotti agrikoli li joriġinaw mill-Isvizzera, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 851/95

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kunsill u tal-Kummissjoni 2002/309/KE, Euratom fir-rigward tal-Ftehim dwar Koperazzjoni Xjentifika u Teknoloġika ta' l-4 ta' April 2002 dwar il-konklużjoni ta' seba' Ftehim mal-Konfederazzjoni Svizzera ([1]), u b'mod partikolari l-Ftehim dwar kummerċ ta' prodotti agrikoli ([2]), minn hawn 'l quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 2,

Billi:

(1) Huwa meħtieġ li wieħed jiftaħ u jipprovdi r-regoli ta' amministrazzjoni għall-kwoti ta' tariffi provduti fl-Anness 2 tal-Ftehim.

(2) Dawn il-kwoti ta' tariffi għandhom jiġu amministrati mill-awtoritajiet Komunitarji u mill-Istati Membri skond is-sistema ta' amminsitrazzjoni għal kwoti ta' tariffi provduti fl-Artikolu 308a, 308b u 308ċ tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 tat-2 ta' Lulju 1993 li jesiġi d-disposizzjonijiet għall-implementazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 li jistabilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Komunità ([3]), kif emendat l-aħħar mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 444/2002 ([4]).

(3) Sabiex tkun eliġibbli għat-tgawdija ta' dawn il-kwoti ta' tariffi il-prodotti jridu joriġinaw mill-Isvizzera b'mod konformi mar-regoli msemmija fl-Artikolu 4 tal-Ftehim.

(4) Il-kwota ta' tariffi għal ċiras tal-mejda tal-Kodiċi NM 0809 20 95 tidħol flok il-kwota ta' tariffi għall-istess prodott, is-suġġett ta' l-ordni Nru 09.0901, stipulata mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 851/95 ([5]). B'hekk dak ir-Regolament isir żejjed u għandu jitħassar mid-data tal-bidu fis-seħħ tal-Ftehim.

(5) Il-miżuri provvduti f'dan ir-Regolament huma bi qbil ma' l-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Bla ħsara għall-paragrafu 2, il-kwoti ta' tariffi għal prodotti li joriġinaw mill-Isvizzera elenkati fl-Anness ta' dan ir-Regolament għandhom jinfetħu kull sena, u bir-rati ta' dwana indikati f'dak l-Aness, mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru.

2. Fis-sena 2002, il-kwoti ta' tariffi għandhom jinfetħu mill-1 ta' Ġunju sal-31 ta' Diċembru. Il-volumi ta' kull sena għandhom jitnaqqsu għal livell fi proporzjon man-numru ta' xhur li l-kwoti tat-tariffi jkunu

([1]) ĠU L 114, tat-30.4.2002, p. 1.
([2]) ĠU L 114, tat-30.4.2002, p. 132.
([3]) ĠU L 253, tal-11.10.1993, p. 1.
([4]) ĠU L 68, tat-12.3.2002, p. 11.
([5]) ĠU L 86, ta' l-20.4.1995, p. 7.

▼B

miftuħa. Kull frazzjoni ta' tunnellata li jirrisultaw minn dan il-kalkolu għandha titressaq lejn it-tunnellata sħiħa li jkun imiss.

Artikolu 2

Il-kwoti ta' tariffi msemmija fl-Artikolu 1 għandhom jiġu amministrati mill-Kummissjoni skond l-Artikoli 308a, 308b u 308ċ tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93.

Artikolu 3

Ir-Regolament (KEE) Nru 851/95 għandu jitħassar mill-1 ta' Ġunju 2002.

Artikolu 4

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara dak meta jiġi pubblikat fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

▼B

ANNESS

Lista ta' kwoti ta' tariffi

Minkejja r-regoli għall-interpretazzjoni tan-Nomenkaltura Magħquda, l-kliem tad-deskrizzjoni tal-prodotti għandhom jitqiesu li għandhom valur biss indikattiv, u l-kopertura tal-kwoti ta' tariffi skond il-kuntest ta' dan l-Anness, għandha tiġi determinata mill-kopertura tal-kodiċi NM. Fejn jiġu indikati kodiċi NM, il-kopertura tal-kwoti ta' tariffi għandha tiġi determinata b'applikazzjoni tal-kodiċi NM u d-deskrizzjoni relattiva meħuda flimkien.

Nru fl-Ordni	Kodiċi tan-NM	Kodiċi TARIC	DESKRIZZJONI	Rata ta' dazju	Volum annwali (f'tunnellati ta' piż nett)
09.0921	0701 10 00		Patata taż-żerriegħa, friski jew imkessħa	Xejn	4 000
09.0922	0702 00 00		Tadam, frisk jew imkessaħ	Xejn (*)	1 000
09.0923	0703 10 19 0703 90 00		Basal ħlief għal xitel tal-basal għat-taħwil, kurrat u pjanti relatati mal-ġens tat-tewm ħxejjex, friski jew imkessħa	Xejn	5 000
09.0924	0704 10 00 0704 90		Kaboċċi, pastard, kolrabi, kaboċċi magħrufa bħala "kale" u u pjanti tal-genus Brassica oħrajn li jittieklu bl-eċċezzjoni tal-kaboċċi żgħar ta' Brussel, Friski jew imkessħin:	Xejn	5 500
▼M1 ▼C1 09.0925	0705 11 00 0705 19 00 0705 21 00 0705 29 00		Ħass (*Lactuca sativa*) u ċikwejra (*Cichorium* spp.), inkluż iċ-ċikwejra Witloof (*Cichorium intypus* var. *foliosum*), friska jew imkessħa	B'xejn	3 000
▼B 09.0926	0706 10 00		Karrotti u nevew, friski jew imkessħa	Xejn	5 000
09.0927	0706 90 10 0706 90 90		Pitravi, salsafja, krafes ħoxnin, ravanell abjad i għeruq simili li jittieklu, bl-eċċezzjoni ta' l-għerq mustarda użata għaz-zalza *Cochlearia armoracia*), friski jew imkessħin	Xejn	3 000
09.0928	0707 00 05		Ħjar, frisk jew imkessaħ	Xejn (*)	1 000
09.0929	0708 20 00		Ful (*Vigna* spp., *Phaseolus* spp.), frisk jew imkessaħ	Xejn	1 000
09.0930	0709 30 00		Brunġiel (pjanti tal-bajd), friski jew imkessħa	Xejn	500
09.0931	0709 40 00		Karfus, ħlief għal krafus ħoxnin, friski jew imkessħa	Xejn	500
09.0932	0709 70 00		Spinaċi, spinaċi ta' New Zealand u spinaċi orache (spinaċi tal-ġnien), frisk jew imkessaħ	Xejn	1 000

▼B

Nru fl-Ordni	Kodiċi tan-NM	Kodiċi TARIC	DESKRIZZJONI	Rata ta' dazju	Volum annwali (f'tunnellati ta' piż nett)
09.0933	0709 90 10		Ħxejjex ta' l-insalata, ħlief għal ħass (*Lactuca sativa*) u ċikwejra (*Cichorium* spp.), frisk jew imkessaħ	Xejn	1 000
09.0934	0709 90 50		Bużbież, frisk jew imkessaħ	Xejn	1 000
09.0935	0709 90 70		Qarabali, frisk jew imkessaħ	Xejn (*)	1 000
09.0936	0709 90 90		Ħxejjex oħrajn, friski jew imkessħa	Xejn	1 000
09.0937	ex 0808 10 20 ex 0808 10 50 ex 0808 10 90	90 90 90	Tuffieħ, ħlief għal tuffieħ taċ-ċidru, friski	Xejn (*)	3 000
09.0938	0808 20		Langas u sfarġel, friski	Xejn (*)	3 000
09.0939	0809 10 00		Berquq, friski	Xejn (*)	500
09.0940	0809 20 95		Ċiras, ħlief għal ċiras qares (*Prunus cerasus*), friski	Xejn (*)	1 500 ([1])
09.0941	0809 40		Għambaqar u pruna salvaġġa, friski	Xejn (*)	1 000
09.0942	0810 20 10		Lampun, frisk	Xejn	100
09.0943	0810 20 90		Tut, ċawsli u għeneb kbir aħmar minn pjanta imnissla mill-inkruċjar bejn tut u ċawsli, frisk	Xejn	100
09.0944	1106 30 10		Dqiq, metall u trab tal-banana	Xejn	5
09.0945	0710 10 00		Patata, mhux imsajjra jew imsajjra fuq il-fwar jew tgħollija fl-ilma, friżata	Xejn	3 000
	2004 10 10 2004 10 99		Patata, imħejjija jew priservata b'xi mod iżda mhux permess tal-ħall jew aċidu aċetiku, ħlief għal prodotti ta' l-intestatura Nru 2006, bl-eċċezzjoni ta' dqiq, barley jew frak		
	2005 20 80		Patata, imħejjija jew priservata b'xi mod iżda mhux permess tal-ħall jew aċidu aċetiku, mhux friżati, ħlief għal prodotti ta' l-intestatura Nru 2006, bl-eċċezzjoni ta' dqiq, barley jew ta' frak u tħejjijiet li huma maqtugħa rqaq, moqlija jew msajjra fil-forn, kemm jekk ikunu melħin jew imħawra u kem jekk le, f'imballaġġ li minnu ma jgħaddix arja, addattati għal konsum immedjat		

▼B

Nru fl-Ordni	Kodiċi tan-NM	Kodiċi TARIC	DESKRIZZJONI	Rata ta' dazju	Volum annwali (f'tunnellati ta' piż nett)
09.0946	ex 0811 90 19	21 29 31 39	Ċiras, mhux imsajjra jew imsajjra fuq il-fwar jew mgħollija fil-miżħun, friżati, li fihom zokkor miżjud jew xi sustanza ħelwa oħra	Xejn	500
	ex 0811 90 39	21 29 31 39			
	0811 90 80		Ċiras, ħlief għal ċiras qares (*Prunus cerasus*), mhux imsajjra jew imsajjra fuq il-fwar jew mgħollija fil-miżħun, friżati, u li ma fihomx zokkor miżjud jew xi sustanza ħelwa oħra		
	2008 60		Ċiras, preparati jew priservati b'mod ieħor, kemm jekk fihom zokkor miżjud jew xi sostanza jew spirtu ħelu ieħor, u li m'humiex speċifikati jew inklużi mkien ieħor		

(*) It-tnaqqis ta' dazju minn dawn il-kwoti ta' tariffi huwa limitat għall-element *ad valorem*. Il-prezzijiet ta' dħul u d-dazji speċifiċi tagħhom jibqħu applikabbli.

([1]) Il-kwota ta' tariffi miftuħa mir-Regolament (KE) Nru 851/95 (Nru ta' l-ordni 09.901) hija disponibbli għal talbiet għal benefiċċju ta' kwoti fuq dikjarazzjonijiet tad-dwana aċċettati mhux iktar tard mill-31 ta' Mejju 2002. Fl-2002, il-volum tal-kwota ġdida ta' tariffi taċ-ċiras (Nru ta' l-ordni 09.0940) għandu jiġi ikkalkulat billi jingħaddu l-kwantitajiet, mhux użati fl-2002, taħt il-kwota ta' qabel (Nru ta' l-ordni 09.0901) u volum supplimentari ta' 500 imnaqqas pro rata temporis skond id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 1(2).